Kunsill Lokali Ħal Balzan
153, Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33

Data tal-laqgħa: 4 ta` April, 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 33.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta` Laqgħa Numru 32

33.1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tnejn u tletin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

33.1.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 33.2 Punti li joħorġu mill-Minuti

33.2.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill lis-smiegħ tal-appell dwar it-Tender for Street Sweeping and Cleaning in an Environmentally Friendly manner – BLC 01/2016 kien dalgħodu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lid-deċiżjoni ser tinqata` nhar it-Tlieta 11 ta` April 2017.

33.2.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kienet talbet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jingħata permess biex jestendi il-kuntratt preżenti li skada fil-31 ta` Marzu 2017 sakemm jinqata` l-appell. It-talba ma ġietx milqugħa u l-Kunsill ġie magħrraf li jista` jakkwista s-servizz skond Regolament 24 tal-Liġi Sussidjarja Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi).

33.2.1.3 Il-Kunsill unanimament qabel li jistenna d-deċiżjoni tal-PCRB u sadanittant jibqa` juża s-servizz tal-kuntrattur preżenti sakemm ma jaqbiżx l-ammont stabbilit bil-liġi ta` *direct order*.

33.2.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Perit Marvienne Camilleri (MTI) permezz ta` *email* datata 3 ta` April 2017 qed tgħid li mhux ġust li jinżammu responabbli għal ħsarat li hemm fil-pjazza minħabba l-fatt li l-ħsarat li hemm bl-ebda mod m`huma marbuta mal-*culverts* li għamlu huma.

33.2.2.2 Il-Kunsill iddeċieda li jġib stima biex tiġi rranġata l-ħsara u tittieħed deċiżjoni aktar il` quddiem peress li l-parti fejn niżlet tinsab ftit il`bod minn fejn saru l-*culverts.*

## 33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

33.3.1 Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri qiegħed infurma lill-Kunsill li saret talba sabiex jiġu nstallati 2 *bus shelters* fuq il-bankina fi Triq Birbal faċċata ta` Żmerċ Pub u fil-Wied ta` Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes.

33.3.2 Is-Sindku qal lix-xogħlijiet fl-uffiċċju l-ġdid waslu biex jiġu ffinalizzati u għadu bil-pjan li sa l-aħħar ta` April għandu jkun ffinalizzat kollox.

33.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill jista` jibda jopera uffiċċjalment mill-post il-ġdid wara li tinħareġ l-approvazzjoni mill-Ministru.

33.3.4 Is-Sindku issuġġerixxa li l-inawgurazzjoni uffiċjali jsir fl-istess ġurnata tal-attivita` *Balzan Arts and Music Festival,* nhar il-Ġimgħa 2 ta` Ġunju 2017.

33.3.5.1 Is-Sindku qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill 3 kwotazzjonijiet għall-installazzjoni ta` *fittings* tad-dawl għall-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill:

1. Elektra Ltd - €45.43 għal kull *fitting*
2. MCE Limited - €51.47 għal kull *fitting*
3. MF Electrix – €59.78 għal kull *fitting*

33.3.5.2 Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni ta` Elektra Ltd peress li kienet l-orħos offerta.

33.3.6.1 Is-Sindku semma li biex is-*shutters* ta` barra ta` l-uffiċċju l-ġdid nagħmluhom jaħdmu bl-elettriku, irid jitwaħħal xi tip ta` makkinarju li jqum €350 għal kull *shutter*.

33.3.6.2 Ġie deċiż li meta x-xogħlijiet jitlestew, jinqalgħu is-*shutter* u minnflok titaħħal sistema ta` CCTV għax b'hekk il-post ikun aktar sikur.

33.3.7.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta, 28 ta` Marzu 2017 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma` Julian Zarb minn *Discovering Malta & Gozo* dwar il-proġett *Meet the locals*. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll is-Sindku ta` Ħal Lija.

33.3.7.2 Is-Sindku qal li l-ħsieb tagħhom hu li jikkrejaw tip ta` *elite tourism* bejn it-tliet villaġġi Ħ`Attard, Ħal Balzan u Ħal Lija. Huma qed jitolbu biex jekk il-Kunsill interessat, jiġu identifikati postijiet fil-lokalita` u anke attivitajiet uniċi li joffru esperjenza lit-turist li jkun qed iżur ir-raħal waqt it-*tour.*

33.3.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-proposti jridu jinbagħtu sal-31 ta` Mejju 2017.

33.3.8.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li xi residenti qed jilmentaw dwar storbju fil-5:00am li qed jagħmlu vannijiet li jkunu qed iħottu x-xogħol Casa Antonia.

33.3.8.2 Il-Kunsillier Joe Galea se jkellem lid-Direttur Maniġerjali, is-Sur Edward Vella biex vannijiet ma jibqgħux iħottu f`dawk il-ħinijiet ta` filgħodu.

33.3.9.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kien qed jikkorrispondi mas-Sur Borg Cardona, resident li joqgħod fi Triq San Franġisk dwar il-*parking bays* ġodda li saru fl-istess triq. Is-Sur Borg Cardona qed jilmenta li kif ġew il-*parking bays* ġew perikolużi għax karozzi qed jinżlu b`veloċita` minn Triq l-Imdina. Is-Sur Borg Cardona issuġġerixxa li ssir *sleeping police* fi Triq San Franġisk fil-viċinanzi ta` Triq San Gabriel.

33.3.9.2 Il-Kunsillier Joe Galea ser jmur fuq il-post mal-ħaddiema biex jaraw f`liema parti tat-triq l-aħjar li ssir.

## 33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

33.4.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` staqsa lill-Kunsill kif bqajna fuq Triq Idmejda fejn qed iżomm l-ilma fil-bidu tat-triq fejn jieqaf il-pavimentar. Kif intqal fil-laqgħa li għaddiet, din ser tiġi rranġat aktar il`quddiem meta joħroġ it-*Tender for the supply for Cold Asphalt*.

33.4.2.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` staqsa kif bqajna fuq il-problema tal-ilma ħiereġ fi Triq il-Paguni.

33.4.2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li dan il-każ kien għadda lis-Sanita` u l-Kunsill għadu ma ngħatax *feedback.* Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat r*eminder* lis-Sanita`.

33.4.3.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` staqsa kif se tkun il-proċedura għal din is-sena għan-nomini għal Ġieħ Ħal Balzan.

33.4.3.2 Il-Kunsill se jimxi fuq il-proċedura tas-sena l-oħra, fejn il-Kunsilliera huma mħeġġa jressqu n-nomini tagħhom fil-ġranet li ġejjin sabiex din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

33.4.4.1 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li l-bankina ta` quddiem l-uffiċċju l-ġdida tal-Kunsill ma tistax issir bil-*paving blocks* minħabba l-*connections* tal-ilma u tad-drenaġġ li hemm għaddejin minn taħt il-bankina.

33.4.4.2 Ġie deċiż li l-bankina ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Din se ssir bil-konkos u se tiġi kkrejata r-rampa mill-bankina għall-entratura tal-uffiċċju biex ikun hemm aċċess għal kullħadd inkluż il-*wheelchairs*.

33.4.5.1 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li nhar is-Sibt 1 ta` April 2017 ġie kkuntattjat mill-pulizija fejn qed jitolbu filmat tal-bandli ta` dik il-ġurnata stess. Il-Kunsillier Joe Galea qal li hu nfurma lill-

Alarmtech Ltd sabiex jiġbdu l-filmat.

32.4.5.2 Ġie deċiż li jekk ikun hemm spejjeż involuti għal dan il-filmat, dawn għandhom jitħallsu mill-pulizija stess.

33.4.6 Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill bil-preparamenti li għaddejjin sabiex tiġi organizzata l-attivita` *Balzan Arts and Music Festival*.

## 33.5 L-Ittra ta` Direzzjoni u r-Risposta tal-Kunsill – *Mid-Term Audit*

33.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta` Direzzjoni li ġġib id-data tad-9 ta` Marzu 2017 u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill li ġġib id-data tal-4 ta` April 2017 (mehmuża). Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

33.5.2 Il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta` Direzzjoni u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex tkun tista` tintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Udituri tal-Gvern Lokali.

## 33.6 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

33.6.1 Ġiet innutata Ċirkulari Nru 8/2017 – Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

33.6.2 Ġiet innutata ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bit-titlu Inizjattiva Finanzjarja – Skem Attivitajiet Kulturali (Ċirkulari Numru 5/2017) fejn il-Kunsill qed jiġi nfurmat bil-kundizzjonijiet li jrid jimxi magħhom biex jirċievi l-ammont ta` €6,000 biex tiġi organizzata l-attivita` *Balzan Arts and Music Fest*ival 2017.

33.6.3.1 Ġiet innutata *email* mibgħuta minn sid ta` djar 70, Mika u 72, Kristu Re fil-Wied ta` Ħal Balzan. Is-sid qed jitlob li titneħħa lampa tad-dawl li hemm mal-faċċata, peress li dawn id-djar se jaqgħu u jerġgħu jinbnew. Is-sid qed jitlob ukoll li l-lampa ma terġgħax teħel mal-faċċata l-ġdida meta din tinbena.

33.6.3.2 Il-Kunsill unanimament approva t-talba li titneħħa l-lampa sakemm isir ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li biex il-lampa ma teħilx mal-faċċata l-ġdida, xi ħadd mill-ġirien irid jaċċetta li l-lampa teħel bejn l-appoġġi.

33.6.4.1 Ġiet innutata *email* mibgħuta mis-sid ta` dar 21, Arnel fi Triq il-Qarċilla. Is-sid qed jitlob li titneħħa l-lampa tad-dawl li hemm mal-faċċata, peress li din id-dar se taqa` u terġgħa tinbena mill-ġdid. Sid id-dar qed jitlob ukoll li l-lampa ma terġgħax teħel mal-faċċata. Fil-fatt is-sid se jkun qed japplika wkoll mal-Enemalta sabiex ineħħi wkoll il-*wires* tad-dawl li hemm għaddejjin mal-faċċata.

33.6.4.2 Il-Kunsill unanimament approva li titneħħa l-lampa minn mal-faċċata u titwaħħal ma` arblu fuq il-bankina.

33.6.5.1 Ġiet innutata r-risposta mibgħuta minn Domenic Vella minn Transport Malta fuq it-talba biex isiru l-*parking bays* f`parti mill-Wied ta` Ħal Balzan.

33.6.5.2 Il-Kunsilliera Daniel Muscat u Joe Galea se jippreparaw *draft drawings* ta` kif il-Kunsill qed jipproponi li jsiru dawn il-*parking bays* biex tiġi mibgħuta lill-Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

33.6.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li qed ikun hemm diversi lmenti dwar boroż tal-iskart li qed jintefgħu fejn l-iskip tal-Każin li hemm wara l-Knisja.

33.6.6.2 Il-Kunsillier Joe Galea se jkellem lill-*barman* tal-Każin biex jieħdu ħsieb ibattlu l-iskip aktar spiss.

33.6.7.1 Ġiet innutata e*mail* mibgħuta mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ fejn qed iħeġġu lill-Kunsilli Lokali

biex jipparteċipaw fil-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ.

33.6.7.2 Il-Kunsilliera Desmond Zammit Marmara` u Joe Galea ma jaqblux li l-kunsill għandu jipparteċipa għar-raġunijiet imsemmija fl-e*mail* ~~(annessa)~~ mibgħuta mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li ġġib id-data tat-23 ta` Marzu 2017.

33.6.7.3 Il-Kunsillier Daniel Muscat ser jiċċekkja aktar fid-dettall f`hiex jikkonsisti l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u l-materja tiġi diskussa aktar il` quddiem.

33.6.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur ġie nfurmat biex ineħħi l-bozza mill-antiki li hemm fi Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Kbira u jwaħħal ix-*shade* tagħha ma` bozza li hemm ma` dar 23, Exotique, Triq Sir Antonio Micallef.

33.6.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-bozza l-antika inkluż ix-*shade* huma propjeta` tal-kuntrattur u jekk il-Kunsill irid iwaħħal *shade* ma` bozza, dan irid isir bi ħlas.

33.6.8.3 Il-Kunsillier Daniel Muscat se jinfurma lir-residenta ta` dar 23, Exotique, Triq Sir Antonio Micallef bid-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill fil-Laqgħa Nru. 29 lix-*shade* irid isir mill-kuntrattur tal-Kunsill a spejjeż tar-residenta.

## 33.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

33.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 4/17 li ġġib id-data tal-4 ta` April 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €18,968.15.

33.7.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre` Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 33.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

33.8.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-5.45pm.

33.8.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ġimgħa, 5 ta` Mejju 2017 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ġimgħa, 5 ta` Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |